REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1547/2007

ta' l-20 ta' Diċembru 2007

li jistabbilixxi perjodu tranżitorju għat-tneħħija tar-Repubblika ta' Cape Verde mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Repubblika ta' Cape Verde (minn issa 'l quddiem tissejjeħ "Cape Verde") hija inkluża fl-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati taħt l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tal-Komunità.

(2) L-Artikolu 12(7) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 jipprovdi għat-tneħħija ta' pajjiż mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, meta dak il-pajjiż jiġi eskluż min-Nazzjonijiet Uniti mil-lista ta' pajjiżi l-anqas żviluppati. Dan l-Artikolu jipprovdi wkoll għat-twaqqif ta' perjodu tranzitorju ta' mill-inqas tliet snin, biex itaffi xi effetti ħżiena li jistgħu jiġu kkawżati bit-tneħħija tal-preferenzi tariffarji mogħtija taħt l-arranġament speċjali għal pajjiżi l-inqas żviluppati.

(3) Cape Verde ġiet eskluża min-Nazzjonijiet Uniti mil-lista tal-pajjiżi l-inqas żviluppati, b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 ([2]).

(4) Cape Verde għandha għalhekk tiħalla tkompli tgawdi mill-preferenzi mogħtija taħt l-arranġament speċjali għal pajjiżi l-inqas żviluppati, sa tmiem l-2010.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Repubblika ta' Cape Verde għandha titneħħa mil-lista ta' benefiċjarji ta' l-arranġament speċjali għal pajjiżi l-inqas żviluppati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 169, 30.6.2005, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2007 (ĠU L 141, 2.6.2007, p. 4).

([2]) Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali ta' l-UN ta' l-20 ta' Diċembru 2004.